# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU. 2506

Każ Nru 3494

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Joseph G. Pace

u

1. Ving Insurance Brokers Ltd

2. DAN Europe Foundation

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 31 ta' Jannar, 2018

**Chairman Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-k,aż ġie ntavolat permezz ta' Rikors mill-Avv. Andrew Borg-Cardona magħmul fit-30 ta' Settembru 2016 f'isem Joseph G. Pace dwar allegat tkeċċija nġusta mill-impieg minn mas-Soċjetajiet Intimati Ving Insurance Brokers Ltd u DAN Europe Foundation fit-30 ta' Mejju 2016. Is-Soċjetajiet Intimati li kienu rappreżentati minn Laura Marroni u Dr Ramiro Cali'-Corleo rispettivament, it-tnejn assistiti mill-Avv. Paul Gonzi, jiċħdu dan. Inżammu sitt seduti. A tenur ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li ma kienx possibbli li din id-Deċiżjoni Preliminari tingħata fi żmien xahar kif preskritt minħabba n-numri ta' seduti kif ukoll xi differimenti li ntalbu matul l-andament tas-smiegħ.

**2, Fatti tal-Każ**

L-Intimati ppreżentaw eċċezzjoni preliminari li biha qed jitolbu li (1) DAN Europe Foundation tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi mhiex il-leġittimu kontradittur, u (2) illi s-Soċjetà Intimata Ving Insurance Brokers Ltd itterminat l-impieg tar-Rikorrent meta dan kien f'perijodu ta' *probation* u għaldaqstant ma kenitx tenuta li tagħti raġuni għat-tali tkeċċija.

Dwar (1) ibbazaw ir-raġunijiet tagħhom fuq il-fatt illi r-Rikorrent ma kienx impjegat tas-Soċjetà Intimata DAN Europe Foundation meta ġie liċenzjat fit-30 ta' Mejju 2016. Tant hu hekk, skond is-Soċjetà Intimata, illi xhur qabel, preċiżament fit-8 ta' Frar 2016 kienet saret

skrittura bejn ir-Rikorrent Pace u DAN Europe Foundation illi biha l-impieg tiegħu kien qed jispiċċa u ingħata *ex gratia* kumpens għal rinunzja ta' kwalsiasi pretensjoni li huwa seta kellu fil-konfront tal-*employer* tiegħu. Hemm tispiċċa r-relazzjoni li kellu r-Rikorrent mal-Fondazzjoni. Għaldaqstant din ma kienitx legittimu kontradittur u kellha tiġi liberata mill-osservanza.

Dwar (2) ir-Rikorrent kien ġie impjegat bħala *General Manager* ma' Ving Insurance Brokers Ltd permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Frar 2016. Huwa dan l-impieg tar-Rikorrent li kien terminat fit-30 ta' Mejju 2016. Dana kien fil-perijodu ta' *probation* għax sar f'inqas mis-sitt xhur tal-impieg tiegħu.

Ir-Rikorrent jirritjeni li l-impieg li kellu r-Rikorrent mal-Ving Insurance Brokers Ltd ma kien xejn ħlief estensjoni tal-impieg preċedenti tiegħu ma' DAN Europe Foundation peress li baqa' jagħmel l-istess xogħol kif kien jagħmel qabel. Jgħid ukoll li l-ewwel impieg tiegħu qatt ma ġie mitmum. Jgħid illi l-arranġament għal żewġ impiegi saret sempliċement sakemm ir-Regolatur l-MFSA tkun tat l-approvazzjoni tagħha biex ir-Rikorrent seta jassumi l-kariga mixtieqa. Infatti jirritjeni r-Rikorrent illi ġiet ikkreata relazzjoni konkorrenti bejn iż-żewġ kumpaniji biex seta jagħti s-servizz tiegħu u jiġi impjegat xorta waħda anke mingħajr l-approvazzjoni tal-MFSA li kienet għadha ma ħariġitx. Bażikament iż-żewġ impiegi kienu wieħed kontinwu u għaldaqstant il-perijodu ta' *probation* kien ilu li skada peress li l-ewwel impieg kien beda' fl-1 ta' Ottubru 2014.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kellu quddiemu kwistjoni relattivament sempliċi. Ir-Rikorrent kellu impieg wieħed jew żewġ impiegi konsekuttivi? Ir-Rikorrent jirritjeni li kien hemm diversi elementi li juru għaliex l-impieg kien wieħed kontinwu bil-bidu tiegħu fl-1 ta' Ottubru 2014. Fost dawn isemmi ix-xogħol li kien jagħmel u baqa jagħmel sakemm intemm l-impieg tiegħu fit-30 ta' Mejju 2016. Hemm ukoll indikazzjoni li parti jekk mhux is-salarju tiegħu kollu kien qed jitħallas mill-Ving. Jindika ukoll il-fatt li kellu l-impieg tiegħu inizjalment mal-Foundation biex l-approvazzjoni mill-MFSA tilħaq tasal sakemm ikun diġa beda jaħdem kif kien hemm il-ħsieb li jaħdem. Hemm ukoll il-fatt li l-Foundation kienet u baqgħet garanti tal-obbligi ta' Ving. *Tutto sommato* il-fatt li deher li kien hemm żewġ impiegi differenti kien biss biex jiġi sorvolat il-perijodu qasir li kellha tieħu l-MFSA biex tagħti l-kunsens tagħha.

Mill-banda l-oħra l-Intimati huma tal-fehma illi ż-żewġ impiegi kienu distinti minn xulxin. Iż-żewġ entitajiet għad li kienu ta' l-istess propjetarji kellhom personalità ġjuridika separata u l-kuntratti tax-xogħol kienu tnejn u mhux wieħed b'dati speċifiċi. Kien hemm perijodu ta' impieg mal-Foundation li beda f'ċerta data u spiċċa f'data oħra u dana konfermat bi skrittura privata li bl-ebda mod ir-Rikorrent ma attakka l-validità tagħha. Fl-istess żmien ir-Rikorrent iffirma kuntratt ma' Ving u b'hekk huwa evidenti li saru żewġ kuntratti u dak li ġie iffirmat l-aħħar kien soġġett għal perijodu ta' *probation.*

It-Tribunal Industrijali għandu quddiemu l-fatt li kienu x'kienu r-raġunijiet għall-impieg tar-Rikorrent bil-problemi burokratiċi li riedu jittieħdu in konsiderazzjoni kien hemm fil-fatt żewġ kuntratti tax-xogħol u mhux wieħed. Dawn kienu formalizzati bil-proċeduri normali kif

titlob il-liġi. Kienu żewg kuntratti li taw lok għal żewġ vinkoli kontrattwali differenti da parti tar-Rikorrent ma' żewġ prinċipali distinti u separati. Iż-żewġ dikjarazzjonijiet lill-ETC, wieħed ta' terminazzjoni ta' l-ewwel kuntratt (Dok A2 man-Nota Konġunta tal-Intimati) u l-oħra tal-bidu tal-impieg (Dok A5) magħmulin *a tempo vergine* huma indikazzjoni li kien hemm żewġ kuntratti separati.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li

(1) Ir-Rikorrent Joseph G. Pace ma kienx impjegat ma' DAN Europe Foundation meta ġie liċenzjat fit-30 ta' Mejju 2016 u għaldaqstant din is-Soċjetà ma hiex il-leġittimu kontradittur u konsegwentement għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, u

(2) L-istess Rikorrent kien liċenzjat minn Ving Insurance Brokers Ltd fit-30 ta' Mejjur 2016 waqt perijodu ta' *probation* u għaldaqstant din is-Soċjetà ma kelliex bżonn tagħti raġuni għal dan il-liċenzjament.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jillikwida l-ammont dovut lil min assista l-partijiet €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja